MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 102/2003

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carmelo Magri]**
**Vs**
**Noel Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellanti Noel Aquilina, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Talli fl-24 ta' Mejju, 2002, ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu mill-fond bl-isem "Wingapo" sitwat fi Triq il-Hamrija, M'Scala, kkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb, flus kontanti, apparat tal-hi fi u hwejjeg ohra ghad-dannu tal-konjugi Francis u Louise Xuereb minn M'Scala, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000) u bil-lok;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jwe gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Francis u Louise Xuereb, liema hsara tammonta ghal izjed minn

ghaxar lira maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50);
Talli fit-30 ta’ Mejju, 2002, u/jew fil-granet ta’ wara din id-data, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000) u bil-lok;
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostazni, ikkommetta reat ta’ serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija sospiza ghal tlett snin datata 19 ta’ Ottubru, 2000 li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D.
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet ta’ l-Artikoli 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu mill-Magistrat Dr. T. Micallef Trigona LL.D., datata 19 ta’ Lulju 2000.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Mejju, 2003 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 263, 328, 273, 41, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lil imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, qeghda tibghatu ghal terminu ta’ sentejn (2) prigunerija, li minnhom ghandhu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel taht arrest, in konnessjoni ma’ dan ir-reat.
Il-Qortiirrakkommandat lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, sabiex l-imputat jintbghat programm residenzjali ghal rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.
Rat ir-rikors tal-appell ta’ Noel Aquilina pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-27 ta’ Mejju, 2003 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata billi tillebera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji ta’ l-appellant Noel Aquilina illi huma is-segwenti :
Illi jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghogobha toqghod esklussivament fuq dak li rraportat il-probation officer li

kkonkludiet li jkun utli ghall-imputat li jehel piena karcerarja minghajr ma tat xi ragunijiet specifici u dettaljati ghaliex hija waslet li tirrakomanda dina s-soluzzjoni hekk drastika meta hija kienet ferm konxja tal-fatt li l-imputat kellu u ghad ghandu problema kbira tal-vizzju ta' tehid tad-droga. Kien ikun aktar ta' gid u ghaqli ghall-imputat u ghall-familja tieghu li fil-pre-sentenzcing report il-probation officer ghamlet rakkomandazzjonijiet ohra izda utli ghall-imputat u anke ghall-komunita in generali. Dan ghaliex li persuna li ghandha l-vizzju ta' tehid tad-droga jintbghat il-habs jiskonta terminu ta' prigunerija ta' sentejn zgur ma hijiex soluzzjoni ideali anzi wiehed jasasl sabiex jghid hija s-soluzzjoni opposta sabiex tghin lil dan il-vittma johrob minn dan il-vizzju tant mishut.

Illi jrid jigi wkoll sollevat li meta gie pprezentat il-presentencing report l-avukat difensur tal-imputat ma kienx presenti fl-awla u ghalhekk ma setghax jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu anke dawk legali dwar dan ir-rapport. Lanqas ma jidher li l-imputat inghata c-cans li jkun assistit mill-avukat difensur tieghu sabiex jaghmel jekk ikun il-kaz it-trattazzjoni mehtiega rigward l-imputazzjonijiet kollha u l-provi migjuba kontra l-appellant. F'kaz bhal dawn l-Ewwel Qorti kellha jew tappunta jew toffri li tappunta 'ex ufficju' avukat minn dawk li jkollha l-Qorti (tal-Ghajnuna Legal) sabiex jassistit lill-imputat fil-fazi tant delikat meta kellha ssir it-trattazjoni kemm tar-rapport prezentat mill-probation officer kif ukoll tal-proceduri kollha li ttiehdu fil-konfront tal-imputat. Jigifieri f'fazi hekk krucjali l-imputat ma kellux l-assistenza ta' avukat difensur sabiex jassistih. Ghalhekk f'dan is-sens l-imputat ma inghatax il-fakulta li kollu smiegh xieraq, gust u komplet fil-konfront tieghu sabiex jirribadixxi l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu ;

Il-Ligi taghna konfortata mill-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-imputat ghandu jkun dejjem assistit minn ghajnuna legali jekk huwa stess di volonta` propja u wara li tkun giet lilu spjegata l-konsegwenzi li jista` jinkorri jaghzel li jiddefendi lilu nnifsu. F'dawn il-proceduri dan ma kienx il-kaz u allura l-ewwel Qorti kellha tieghu l-passi sabiex l-imputat jkun assistit minn avukat ;

Illi ghar-rigward tal-imputazzjoni ta' serq kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, l-imputat qatt ma setgha jinstab hati

ghaliex kemm l-artikolu 267 u l-artikolu 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li specifikatament jittrattaw fuq serq ikkwalifikat bil-'valur' u bil-'lok' rispettivament ma gewx appliakti milll-Ewwel Qorti u ghalhekk l-imputat kellu jigi liberat minn dawn l-imputazzjonijiet u ma jinsabx hati ta' dawn l-imputazzjonijiet propju ghaliex ma gewx appliakti l-artikoli korretti mill-Ewwel Qorti.
Illi inoltre ghar-rigward tal-imputazzjoni relattiva ghas-serq kkwalifikat bil-valur bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ingabet l-ahjar prova li dejjem sostnew il-Qrati taghna li turi bil-preciz x'kienu l-oggetti li allegatament insterqu mill-imputat u il-valur ezatt taghhom.
Illi fis-sentenza taghha tad-9 ta' Mejju, 2003 l-Ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tikkwota u tapplika l-artikolu 273 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta dwar serq li jsir flimkien ma attentat ta' omicidju. Issa meta wiehed jara l-imputazzjonijiet mressqa mill-prosekuzjoni ma jirrizultax li kien hemm din l-imputazzjoni. Ghalhekk bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-Prosekuzzjoni qatt ma gabet xi prova dwar dan ir-reat ghalie xin effett u fir-realta dan qatt ma sehh. Ghalhekk anke hawn bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti dina ma setghet qatt tapplika dan l-Artikolu fil-konfront ta' l-imputat ;

Ikkunsidrat.
Irrizulta mill-provi illi fl-24 ta' Mejju, 2002 ghal habta tal-11:30 ta' filghodu saret serqa mill-fond Wingapo sitwat fi Triq il-Hamrija, Marsascala propjeta tal-konugi Francis u Louise Xuereb, minn liema dar nsterqu diversi oggetti ta' valur, flus kontanti, apparat tal-Hi Fi u hwejjeg ohra ta' valur li jaccedi l-LM1,000, illi in oltre rrizulta ili l-imsemmi fond gie ggawzat hsara ta' l-ammont ta' izjed minn LM10 izda anqas minn LM50. Il-pulizija bdiet l-investigazzjoni taghha u waslet ghand l-appellant Noel Aquilina illi resqitu l-Qorti u fl-ewwel seduta tal-25 ta' Novembru, 2002 ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Din l-ammissjoni giet segwita bir-ripensiment statutorju li l-appellant ikkonferma. F'din is-seduta wkoll il-Magistrat apponta Probation Officer sabiex tipprepara pre-sentencing report qabel ma tghaddi ghas-Sentenza u ddifferiet il-kawza ghal data ohra. Il-Qorti tirrimarka li ghal din is-seduta l-appellant kien debitament assistit fejn allura l-avukat ta' l-

appellant kien jaf b'dak kollox illi sar f'dik is-seduta nkluz id-differiment. Dana kien fil-21 ta' Jannar, 2003 fejn dak inhar deher l-imputat u l-Probation Officer li talbet iktar zmien biex tipprepara r-rapport taghha u l-kawza giet differita ghat-3 ta' Marzu, 2003. Dak inhar dehret il-Probation Officer u esebiet ir-rapport taghha u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Mejju, 2003. Dak inhar deher l-Ufficjal Prosekutur u l-imputat u l-kawza giet deciza fejn, fuq l-iskorta ta' l-ammissjoni ta' l-appellant il-Qorti sabitu hati u baghtitu terminu ta' sentejn prigunerija.

Fuq dan l-appellant hassu agravat u llmenta mill-fatt illi dak inhar illi nghatat is-Sentenza l-appellant ma kienx assistit u l-ewwel Qorti ma kelliex toqghod esklussivament fuq dak li rraporta l-Probation Officer izda kellha tisma x'kellu xi jghid l-avukat difensur u jekk dana ma kienx prezenti kellha tapponta jew toffri ex-officio avukat ta' l-ghajnuna legali. Jilmenta li f'fazi hekk krucjali l-appellant ma kellux assistenza ta' avukat difensur biex jassistih. Konsegwentement l-appellant ma nghatax il-fakulta li jkollu smieh xieraq, gust u komplet fil-konfront tieghu sabiex jirribatti l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu.

Qabel ma beda jinstema l-appell fil-21 ta' Lulju, 2003 l-appellant intavola rikors Kostituzzjonali fejn ilmenta illi nnuqqas tal-Qorti biex tapponta avukat ta' l-ghajnua legali biex jassisti lill-appellant wara l-prezentata tar-rapport tal-Probation Officer kisru d-drittijiet fundamentali ta' l-appellant ai termini ta' l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-att dwar il-konvenzjoni Ewropea (Kap 319). Minhabba tali vjolazzjonijiet l-proceduri kriminali fuq indikati huma nulli u minghajr effett u talab lill-Qorti Kostituzzjonali taghti dawk l-ordnijiet u kumpens skont il-kaz. B'Sentenza tat-8 ta' Ottubru, 2010 l-Qorti Kostituzzjonali dderimiet din il-kwistjoni, ddikjerat l-azzjoni ntempestiva stante l-pendenza tal-proceduri ta' l-appell, iddeferiet il-kawza sine die u baghtet il-process lura lill-Qorti ta' l-Appell sabiex il-kawza tigi trattata u deciza.

Ikkunsidrat.
F'dan l-istadju quindi, trid tara jekk l-ewwel Qorti kienetx proceduralment korretta meta ghaddiet biex taghti s-

sentenza taghha fin-nuqqas tal-prezenza ta’ l-avukat ta’ l-appellant u jekk dan in-nuqqas iwassalx ghan-nullita tas-Sentenza koncernata.

Ikkunsidrat.

Sabiex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni ta’ din il-vertenza trid l-ewwel thares lejn il-verbali ta’ l-ewwel Qorti. Fortunatament kien hemm ftit, forsi tlieta (3) b’kollox, l-ewwel dehra, zewg differimenti sabiex jigi pprezentat il-pre-sentencing report u fl-ahhar wara l-prezentata ta’ dan ir-rapport inghatat is-Sentenza. Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Martin J. Camilleri ta’ l-20 ta’ Jannar, 1995 il-Qorti qalet li “*Ma tistax thares b’leggerezza ghal verbali ta’ Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet ghalmenu prima face sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball*.” L-aktar verbal importanti ghal din il-kawza huwa evidentiment l-ewwel dehra fil-25 ta’ Novembru, 2002 (fol 7),fejn dak inhar deher l-imputat debitament assistit minn avukat tieghu. F’dik is-seduta nqrat l-akkuza, sar l-ezami, l-imputat ammetta l-akkuza, rega’ gie mistoqsi sabiex jikkonferma dik l-ammissjoni u l-appellant ghazel li ma jbiddel xejn u rega’ ammetta u wara dan l-Qorti appuntat Probation Officer Marietta Lanzon sabiex tipprepara pre-sentencing report u ddifferiet il-kawza ghal 21 ta’ Jannar, 2003. Din it-talba ghal pre-sentencing report probabilment saret jew mill-appellant innifsu jew inkella mill-avukat tieghu fejn allura dan ta’ l-ahhar kien jaf illi l-kawza kellha terga tinstema fil-21 ta’ Jannar, 2003. Madankollu dak inhar (fol 78) l-avukat ma deherlux u deher il-Probation Officer illi talbet aktar zmien biex tipprepara r-rapport taghha, din it-talba giet milquha u l-kawza differita ghat-3 ta’ Marzu, 2003 fil-11:00.

F’dik is-seduta l-appellant ma ghamel ebda rikjam illi gie abbandunat mill-avukat tieghu u li xtaq ikun assistit minn avukat iehor u l-Qorti lanqas ma kellha tipprezumi illi hekk sar, anzi fil-fehma tal-Qorti l-appellant kien ghadu assistit bl-istess avukat illi kien deherlu fl-ewwel seduta. Ma sar l-ebda pregudizzju ghad-drittijiet ta’ l-appellant bin-nuqqas ta’ dehra ta’ l-avukat tieghu u dana pero’ma jfissirx illi l-avukat ma setax isegwi d-diferiment mill-Atti tal-kawza kif ghandu jsir minn kull avukat illi jkun qed jippatrocinja l-

klient f'process kriminali. Madankollu minkejja d-differiment imsemmi fit-3ta' Marzu, 2003 la l-appellant u lanqas l-avukat tieghu ma dehru izda gie pprezentat ir-rapport tal-Probation Officer u minn Marzu l-kawza giet differita ghad-9 ta' Mejju, 2003 fil-11:00. F'dawn ix-xaghrejn ir-rapport kien fl-Atti u disponibli kemm ghall-appellant kif ukoll ghall-avukat tieghu illi seta' liberament jaccedi ghal dawn l-Atti, jsegwi d-differiment u jara r-rapport tal-Probation Officer. Ma kien hemm l-ebda mpediment ghall-avukat illi jidher dak inhar tad-9 ta' Mejju, 2003 u jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu, pero' dak inhar ma deherx, deher biss l-imputat u l-Ufficjal Prosekutur. Hawn ukoll l-imputat ma ghamel l-ebda rikjam ghan-nuqqas ta' dehra ta' l-avukat tieghu u lanqas ma talab ghal nomina ta' avukat mill-elenku ta' l-Ufficcju ta' l-Ghajnuna Legali.

F'dan l-istadju l-Qorti kellha dritt tippretendi illi hawn hekk l-appellant kien ghadu qed jigi assistit mill-ewwel avukat illi kien deherlu u la ma deherx, dina hija sitwazzjoni nterna bejn l-avukat u l-klient tieghu. il-Qorti taf li avukat ghandu l-obligu illi jsegwi d-differimenti tal-patrocinat tieghu sewwa jekk huwa fil-kamp civili aktar u aktar jekk huwa fil-kamp kriminali u ghandha dritt tipprezumi illi l-avukat ta' l-appellant kien jaf b'dak id-differiment u kienet ghazla tieghu illi ma deherx, aktar u aktar meta l-appellant stess ma ghamel l-ebda rikjam lill-Qorti ghal dan in-nuqqas ta' dehra ta' l-avukat tieghu. Dan ta' l-ahhar kellu xaghrejn shah disponibbli ghalih biex jezamina r-rapport tal-Probation Officer u la ma deherx il-Qorti kellha dritt tassumi illi l-avukat ma kellu xejn xi jghid. Mhuwiex mistenni mill-Qorti illi tibqa taghti differiment wara l-iehor sakemm forsi jitfacca xi avukat biex jassisti l-imputat minghajr ma jkollha nformazzjoni jew mill-imputat jew mill-Ispettur u anke minn terzi illi l-avukat ikun abbanduna lill-imputat. Din l-informazzjoni qatt ma nghatat u l-Qorti kienet korretta meta ghaddiet biex taghti s-Sentenza kif del resto kienet fil-pozizzjoni illi taghmel wara l-ewwel seduta ma l-ammissjoni ta' l-appellant. Fil-fatt fil-kawza ftit qabel imsemija Il-Pulizija Kontra Martin J. Camilleri l-Qorti qalet "*Fuq ammissjoi ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghal kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkun fehem in-natura ta'l-*

*imputazzjoni, jew li ma keinetx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta'dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-Ligi tikkundannah, cioe' li ssibu hati tar-reat*." F'din il-kawza ma jirrizultax dan caveat, pero' fuq talba ta' l-appellant jew l-avukat tieghu l-Qorti kkoncediet differimenti sabiex isir pre-sentencing report u darba gie pprezentat dan ir-rapport b'terminu ragonevoli koncess sabiex jigi ezaminat mid-difiza u mill-prosekuzzjoni, l-Qorti ma kellha xejn x'taghmel hlief illi tghaddi ghas-Sentenza kif fil-fatt ghamlet u kellha kull dritt li taghmel. Mhijietx il-kompitu tal-Qorti li tidhol fir-relazzjoni bejn l-avukat u l-klient tieghu, l-avukat jigi mqabbad biex jassigura li d-drittijiet statutorji ta' l-akkuzat ikunu osservati u dan jista jaghmlu kemm bil-prezenza tieghu fl-Awla u anke minghajrha, pero' zgur mhijiex il-kompitu tal-Qorti illi toqghod tidhol fir-relazzjoni ta' bejn l-avukat u l-klient tieghu u la ma jkollha l-ebda reklam illi din ir-relazzjoni tkun spiccat il-Qorti ghandha kull dritt tassumi illi l-imputat ikun ghadu patrocinat mill-ewwel avukat illi kien deherlu. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti kienet proceduralment korretta meta qabdet u ghaddiet ghas-Sentenza u ma hemm xejn nulla dwarha.

Ikkunsidrat.

Rigward il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak illi tkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14 ta' Gunju, 1999). L-appellant donnu qed jitlob xi trattament specjali 'l ghaliex jinsab affett bil-vizzju tad-droga, l-Qorti ma jidrilhiex illi ghandha takkorda dan it-trattament, min jidhol fil-vizzju tad-droga jidhol hekk ghax ikun ghazel hu, ghax volontarjament ikun ha l-ewwel doza jew biex jipprova jew inkella specifikament biex jibqa ghaddej b'dak il-vizzju. Il-Qorti tirrikonoxxi wkoll li jista jkun hemm diversi cirkostanzi ohra fejn persuna jkun mgieghel a sforz ic-cirkostanzi socjali tieghu sabiex jidhol f'dan il-vizzju tad-droga. Pero' lanqas m'ghandha tippretendi illi tibqa taghti opportunita` wara opportunita` lil dak li jkun sabiex johrog minn dan il-vizzju jekk *nonostante cio* dana jibqa jwebbes

rasu u xorta jibqa' jaqa' fl-istess sitwazzjoni bhal ma jigri f'kaz tax-xorb u t-tipjip u jkollok ir-rieda qawwija u soda sabiex dak li jkun jehles minn dawn it-tip ta' vizzju. L-ghajnuna biss minghajr ir-rieda ma twassal imkien u dawna huma propju l-konstatazzjonijiet tal-Probation Officer fil-pre-sentencing rapport taghha u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'l ghala l-ewwel Qorti ma kelliex taddotta dan ir-rapport kif fil-fatt ghamlet u errogat piena fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dan jigi disturbat.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------